**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 16 ta' Jannar, 2017**

Numru 3

**Rikors Guramentat Nru. 772/2016**

**Emanuel u Carmen konjugi Falzon**

**vs**

**Rita Dalmas**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tal-1 ta' Settembru, 2016 li jghid hekk:

1. Illi dan ir-rikors guramentat qieghed isir biex jigi inpunjat in kontradittorju d-digriet moghti mill-Onorabbli Bord tal-Kera nhar it-13 ta' Lulju 2016 (u dak tas-26 ta' April 2016) wara r-rikors numru 634/16, liema rikors kien gie pprezentat mill-intimata nhar is-26 ta' April, 2016. Ir-rikorrenti ser jitolbu li l-atti processwali ta' dak ir-rikors jigu allegati mal-atti tar-rikors guramentat odjern;

2. Illi bir-rikors taghha, l-intimata talbet lill-Qorti "sabiex tikkawtela d-drittijiet taghha u dan billi jzomm lill-intimat personalment jew tramite terzi, milli jnehhu, jhottu, jzarmaw jew jiddekomissjonaw bi kwalsiasi mod u manjiera, l-apparat u taghmir, u partikolarment il-pompi tal-petrol li jinsabu fil-Petrol Stations bin-numru 66 u 67, Birkirkara Road, San Giljan ...".

3. Illi permezz tal-istess rikors, l-intimata stqarret:
IIli hija proprjetarja tal-fond fuq deskritt, liema fond, bl-avvjament tieghu bhala pompa tal-petrol, kien inkera lill-intimati b'kuntratt pubbliku datat 9 ta' April, 1987.
IIli, a tenur tal-klawsola 9 tal-istess kuntratt, l-intimati huma obbligati fit-tmiem il-kera li jroddu l-fond u n-negozju lura nkluz bil-permessi kollha tieghu: "il-kerrej jobbliga ruhu li meta tispicca din il-lokazzjoni idawwar il-permessi u l-licenzji fuq is-sid minghajr hlas ta' kumpens".

Illi b'sentenza taghha fl-ismijiet premessi, Nru 54/12 moghtija minn dan l-Onorabbli Bord nhar it-30 ta' Novembru, 2015, dan l-Onorabbli Bord iddikjara l-kirja terminata u ordnat lill-intimati sabiex jizgombraw mill-istess fond, liema sentenza giet appellata mill-intimati.
Illi ricentement ir-rikorrenti intebhet li l-intimati qed izarmaw pompi tal-petrol u affarijiet illi jinsabu fil-Petrol Station de quo.
Illi dan iz-zarmar qieghed isir bl-iskop evidenti li l-intimati jeludu l-obbligu taghhom u dana billi jittrasferixxu l-licenzja ghal fuq sit iehor biex ir-rikorrenti tiehu lura l-proprjeta taghha mnezza mill-licenzja ghal pompa tal-petrol. F'dan ir-rigward, jigi rilevat li hemm proceduri fl-Awtorita ghall-Ippjanar dwar dan it-trasferiment tal-pompi.
Illi, gialadarba l-Bord li jirregola l-Kera ddikjara t-terminazzjoni tal-kirja, l-agir tal-intimati huwa in mala fede u in vjolazzjoni tal-obbligu taghhom li, fit-tmiem il-kirja, jroddu lura fl-istess stat illi kienu hoduh, u cioe bhala hanut bl-avvjament ta' pompa tal-petrol.
Illi, jekk l-intimati jnehhu l-pompi minn fuq il-proprjeta tar-rikorrenti, ir-rikorrenti ser tkun pregudikata irremedjabbilment billi jekk jitnehhew ma jidhirx li ser ikun possibli li jinghata permess li din il-pompa tal-petrol terga' tinghata permess biex topera.

4. Illi bir-risposta taghhom ta1-4 ta' Lulju, 2016, ir-rikorrenti stqarrew:
1. Illi preliminarament jinghad bl-ikbar rispett ll dan l-Onorabbli Bord ma kienx kompetenti li johrog il-mandat ta' inibizzjoni odjern, u lanqas huwa kompetenti li jisma' u jiddetermina l-proceduri odjerni, stante illi l-artikolu mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) li fuqu r-rikorrenti qeghda tibbaza t-talba taghha, u cioe l-artikolu 873 testwalment isemmi "il-Qorti";
2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, dak li r-rikorrenti qeghda titlob lil dan l-Onorabbli Bord izzomm lill-intimati milli jaghmlu fil-fatt kien diga sehh qabel it-talba tal-istess rikorrenti fis-26 ta' April, 2016 ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni odjern, u dana kif jirrizulta mill-anness dokument li jipprova li d-decommissioning tal-pompi tal-petrol in kwistjoni sehhet nhar it-22 ta' April, 2016 (Dok. 'EM1'). F'dan il-kuntest issir referenza ghad-digriet moghti mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili nhar it-23 ta' Gunju, 2001 fl-ismijiet Pearsall James et vs Zarb Adami Maurice et, kopja tieghu hawn annessa u mmarkata Dok. 'EM2');
3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, huma neqsin iz-zewg elementi rikjesti ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni:
4. Fl-ewwel lok, dwar id-dritt prima facie li rikorrent f'mandat ta' inibizzjoni huwa mehtieg li jkollu, fil-fattispeci mhux biss ir-rikorrenti ma ghandhiex dan id-dritt talli l-intimati bis-sahha ta' skrittura privata datata 24 ta' Mejju, 1996 bejn l-istess kontendenti (kopja taghha hawn annessa u mmarkata Dok. 'EM3') liema skrittura privata emendat il-kuntratt pubbliku datat 9 ta' April, 1987 esibit mir-rikorrenti, b'mod car u inekwivoku nghataw id-dritt li jnehhu l-istess pompi tal-petrol (ara l-klawzola wiehed [1]). Mhux b'kumbinazzjoni li r-rikorrenti b'mod mill-iktar qarrieqi u malizzjuz ghazlet li ma tesibixxiex l-annessa skrittura privata.
5. Fit-tieni lok, lanqas jissussisti l-element ta' preguduzzju rrimedjabbli mehtieg ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni odjern u dana ghal diversi ragunijiet anke minn dak li tghid ex admissis l-istess rikorrenti fir-rikors taghha ghall-hrug tal-istess mandat ta' inibizzjoni.
6. Illi jekk (dato ma non concesso) tapplika l-klawzola 9 tal-kuntratt pubbliku tad-9 ta' April, 1987, kif tallega r-rikorrenti stess, l-istess rikorrenti tkun tista' tipprova tikseb rimedju bis-sahha ta' din l-istess klawzola.

7. Illi inoltre, kif tistqarr ir-rikorrenti stess, "hemm proceduri quddiem l-Awtorita ghall-Ippjanar dwar dan it-trasferiment tal-pompi", liema proceduri appuntu saru mill-istess rikorrenti bl-iskop li twaqqaf dak it-trasferiment, precizament x'inhi tipprova r-rikorrenti fil-proceduri odjerni;
8. Illi fl-ahharnett ghandu jinghad illi d-decommissioning li kif inghad diga sehhet qabel it-talba ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni odjern, saret mhux biss bil-kunsens tal-istess rikorrenti (u dana abbazi tal-iskrittura privata tal-24 ta' Mejju, 1996) izda wkoll bil-permessi kollha mehtiega mill-awtoritajiet.
Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, dan l-Onorabbli Bord, filwaqt li ghandu jirrevoka contrario imperio d-digriet tieghu tas-26 ta' April, 2016 li bih intlaqghet it-talba ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni odjern, ghandu jichad definittivament l-istess talba, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

5. Illi bid-digriet ta' nhar it-13 ta' Lulju, 2016, l-Onorabbli Bord tal-Kera, filwaqt illi kkonferma d-digriet provizzorju tieghu data 26 ta' April 2016 u laqa' t-talba kif dedotta u ordna l-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni b'mod definittiv kontra r-rikorrenti u nibihom definittivament milli, personalment jew tramite terzi, jnehhu, jhottu, jzarmaw jew jiddikomissjonaw bi kwalsiasi mod u manjiera l-apparat u tghamir kollu, partikolarment il-pompi tal-petrol li jinsabu fil-Petrol Station bin-numru 66 u 67, Birkirkara Road, San Giljan, spejjez tal-proceduri odjerni ghandhom ikunu kollha a karigu tar-rikorrenti.

6. Fl-ewwel lok jinghad illi ma kienx korrett il-Bord tal-Kera meta fl-ewwel paragrafu fil-pagna 4 tad-digriet, qal li "l-oggezzjonijiet imqajjma mill-intimati huma, principalment tnejn: wahda illi dana il-Bord ma huwiex kompetenti biex jisma’ dana il-kaz u t-tieni illi l-pregudizzju ma jissussistix ghax il-pompi gia tnehhew u dana skond ftehim privat illi kellhom il-partijet bejniethom fl-24 ta' Mejju 1996".

7. Illi fil-fatt, l-oggezzjonijiet tar-rikorrenti ghat-talba ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni kienu erbgha (4), ilkoll distinti u separati minn xulxin.

8. Illi l-Bord tal-Kera, filwaqt li ddecieda l-ewwel eccezzjoni preliminari u t-tieni eccezzjoni, naqas kompletament li jiddeciedi z-zewg eccezzjoniet l-ohra li huma marbuta rnal-elementi mehtiega li min jitlob mandat ta' inibizzjoni jrid jipprova.

9. Illi dwar l-ewwel eccezzjoni, jinghad fl-ewwel lok illi t-talba ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni kienet ibbazata fuq il-fatt illi l-Bord tal-Kera b'sentenza tat-30 ta' Novembru, 2015, illum appellata, kien ordna l-izgumbrament tar-rikorrenti mill-fond mikri abbazi tal-ftehim tad-9 ta' April, 1987, bejn l-awtur tal-intimata, u cioe missierha u r-rikorrenti Emanuel Falzon, filwaqt illi t-talba ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni kienet mahsuba li tinibixxi lir-rikorrenti milli jezercitaw dritt li huma kellhom bis-sahha tal-iskrittura privata tal-24 ta' Mejju, 1996 bejn l-istess intimata u r-rikorrenti. Ghalhekk huwa bil-wisq evidenti illi z-zewg kwistjonijiet mhumiex konnessi u ghalhekk dak li qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza tas-26 ta' Gunju, 2015, fl-ismijiet Victor Vella et vs Brian Micallef et ma japplikax ghall-fattiscpeci tar-rikors guramentat odjern.

9. Illi ta' min ighid ukoll illi f’dan il-kuntest il-Bord tal-Kera fid-digriet tieghu filwaqt li jaghmel referenza ghad-digriet tat-23 ta' Luilju, 2001 mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Pearsall James et vs Zarb Adami Maurice et, kopja tieghu hija

annessa mar-risposta tar-rikorrenti ghat-talba ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni (Dok. 'EM2'), tistqarr illi "is-sentenza kkwotata mill-intimati u datata 23 ta' Lulju 2001 certament ma ghandha tinghata ebda qies, ghax il-kwistjoni hija cara daqs il-kristall ...". Illi fil-fatt din is-sentenza kkwotata mir-rikorrenti fir-risposta taghhom ma kinitx titratta l-kompetenza o meno tal-Bord tal-Kera imma meta l-att li mandat ta' inibizzjoni ikun irid jimpunja, fil-fatt ikun diga sar, u fil-fatt din is-sentenza giet ikkwotata mir-rikorrenti fil-kuntest tat-tieni eccezzjoni.

10. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, dak li l-intimata kienet qeghda titlob lill-Bord tal-Kera izzomm lir-rikorrenti milli jaghmlu fil-fatt kien diga sehh qabel it-talba tal-istess intimata fis-26 ta' April, 2016 ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni odjern, u dana kif jirrizulta mid-dokument anness mar-risposta tar-rikorrenti u mmarkat Dok. 'EM1' li jipprova li d-decommissioning tal-pompi tal-petrol in kwistjoni sehhet nhar it-22 ta' April, 2016. Kien f'dan il-kuntest li r-rikorrenti ghamlu referenza ghad-digriet moghti mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili nhar it-23 ta' Gunju, 2001 fl-ismijiet Pearsall James et vs Zarb Adami Maurice et, kopja tieghu annessa mal-istess risposta u mmarkata Dok. 'EM2'. Ghalhekk, fuq l-iskorta ta' din is-sentenza, il-Bord ma seta' qatt jilqa' t-talba ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni da parti l-intimata.

11. Illi f'kull kaz u bla pregudizzju ghas-suespost, kienu neqsin iz-zewg elementi rikjesti ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, li kellha tipprova l-intimata u li pero l-Bord tal-Kera jidher li injora kompletament, minflok.

12. Fl-ewwel lok, dwar id-dritt prima facie li rikorrent f'mandat ta' inibizzjoni huwa mehtieg li jkollu, fil-fattispeci mhux biss l-intimata ma kellhiex dan id-dritt talli r-rikorrenti bis-sahha tal-iskrittura privata datata 24 ta' Mejju, 1996 bejn l-istess kontendenti (kopja taghha annessa mar-risposta u mmarkata Dok. 'EM3') liema skrittura privata emendat il-kuntratt pubbliku datat 9 ta' April, 1987 esibit mill-intimata, b'mod car u inekwivoku nghataw id-dritt li jnehhu l-istess pompi tal-petrol (ara l-klawzola wiehed [1]). Mhux b'kumbinazzjoni li r-rikorrenti b'mod mill-iktar qarrieqi u malizzjuz ghazlet li ma tezibixxiex din l-istess skrittura privata.

13. Fit-tieni lok, lanqas jissussisti l-element ta' preguduzzju rrimedjabbli mehtieg ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni odjern u dana ghal diversi ragunijiet anke minn dak li tghid ex admissis l-istess intimata fir-rikors taghha ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni.

14. Illi jekk (dato ma non concesso) tapplika l-klawzola 9 tal-kuntratt pubbliku tad-9 ta' April, 1987, kif tallega l-intimata stess, l-istess intimata tkun tista' tipprova tikseb rimedju bis-sahha ta' din l-istess klawzola.

15. Illi inoltre, kif tistqarr l-intimata stess fir-rikors taghha, "hemm proceduri quddiem l-Awtorita ghall-Ippjanar dwar dan it-trasferiment tal-pompi", liema proceduri appuntu saru mill-istess intimata bl-iskop li twaqqaf dak it-trasferiment, precizament x'kienet qeghda tipprova taghmel l-intimata fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni.

Ghaldaqstant, prevja li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, tghid l-intimata ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrenti illi qeghdin hawn jitolbu illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Thassar, tirrevoka u tannulla d-digriet tal-Bord tal-Kera tat-13 ta' Lulju, 2016 (u dak tas-26 ta' April, 2016), u filwaqt Ii tilqa' I-eccezzjonijiet tar-rikorrenti, tichad it-talba tal-intimati ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni bl-ispejjez kontra I-istess intimata.

BI-ispejjez kontra I-intimata Ii hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li tghid hekk:
Eccezzjonijiet
1. Fl-ewwel lok din il-Qorti ma hijiex il-Qorti kompetenti sabiex thassar, tirrevoka u tan nulla d-digriet tal-Bord li Jirregola l-Kera tat-13 ta' Lulju 2016;

2. Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghal premess, il-kawza u t-talbiet attrici huma vagi u qabel xejn, l-attur ghandu jindika l-bazi ghat-talbiet tieghu;

3. Fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghal premess, jekk ir-rikors odjern huwa kontromandat a tenur tal-artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, dan ir-rikors sar hazin ghaliex il-Prim Awla tal-Qorti Civili ma hijiex il-Qorti li qed tisma’ l-kawza mertu tal-mandat;

4. Fir-raba' lok u minghajr pregudizzju ghal premess, jekk ir-rikors odjern sar abbazi tal-artikolu 836 tal-Kap 12, dan ir-rikors huwa null billi ma giex indikat ir-raguni ghaliex il-rnandat kawtelatorju ghandu jithassar;

5. Fil-hames lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors guramentat, kif formulata, ma tista’ qatt tigi milqugha;

6. Fis-sitt lok u ghal kull buon fini l-Bord li Jirregola l-Kera kien il-Bord kompetenti ghal hrug ta' dan il-mandat;

7. Fil-seba’ lok u minghajr pregudizzju ghal premess id-decizjoni tal-Bord li jirregola l-Kera tat-13 ta' Lulju 2016 date) fl-atti tal-rnandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet Rita Dalmas vs Emanuel Falzon u Carmen Falzon, mandat ta’ inibizzjoni numru 634/16/FDP hija gusta u korretta u nghatat wara li dak il-Bord semgha u qabbel il-provi u trattazzjoni tal-partijiet;

8. Fit-tmien lok u minghajr pregudizzju ghal premess jissusistu l-elementi kollha ghal hrug tal-mandat ta' inbizzjoni li nhareg validament u skond il-ligi;

9. Salv eccezzjonijiet ohra fil-fatt u fid-dritt;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni in subizzjoni tar-rikorrenti.

Rat l-atti u noti ta’ sottomissjonijiet prezentati;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel erba’ eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti.

**Ikkunsidrat**

F'din il-kawza l-atturi qed jitolbu lil Qorti tirrevoka, thassar u tannulla digriet tal-Bord li Jirregola l-Kera li bih intlaqghet talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-atturi. Ir-raguni moghtija mill-atturi ghal dan hu illi l-Bord li Jirregola l-Kera naqas li jqis l-oggezzjonijiet kollha taghhom kontra t-talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni.

Huma jsostnu illi l-Bord li Jirregola l-Kera li ghamel id-digriet tal-hrug tal-mandat naqas li jitratta zewg eccezzjonijet ghal hrug tal-mandat cioe l-karenza tal-prova tad-dritt prima facie tal-konvenuta odjerna u l-kawza tal-pregudizzju irrimedjabbli rikjest ghal hrug tal-mandat. In oltre l-atturi qed jattakkaw ukoll ir-ragunament legali tal-Bord li Jirregola l-Kera fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet li gew michuda mill-Bord li Jirregola l-Kera.

L-isfond ta' dan il-mandat kienet kawza ta' zgumbrament bejn il-kontendenti fl-ismijiet inversi fejn b'sentenza tal-Bord li Jirregola l-kera, tat-30 ta' Novembru 2015 li hi soggetta ghal appell, l-atturi odjerni gew ordnati jizgumbraw min fond ghax il-kirja tqieset terminata.

**Eccezzjoni preliminari ta' nuqqas ta' kompetenza tal-Qorti li thassar, tirrevoka jew tannulla d-digriet tal-Bord li JIrregola l-Kera tat-13 ta' Lulju 2016 ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni.**

Din il-Qorti tqis illi dak li qed jippruvaw jaghmlu l-atturi hu bazikament revoka ta' mandat ta' inibizzjoni mahrug mill-Bord li Jirregola l-Kera. Mandat ta' inibizzjoni hu mandat kawtelatorju mahrug pendente lite. Hu di natura provvizjorju u mezz eccezzjonali ta' protezzjoni ta' allegat drittijiet.

L-artikolu 836(1) jaghti lil persona li kontrih ikun inhareg mandat kawtelatorju d-dritt li jaghmel rikors ghar-revoka tieghu quddiem il-Qorti li tkun hargitu u dan ghal ragunijiet specifikament elenkati fl-istess artikolu. Madankollu l-istess artikolu tal-ligi jibda bil-kliem 'minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew

kull ligi ohra ...’. Il-kwistjoni li tinsorgi allura hu jekk l-artikolu 836(1) jaghtix dritt esklussiv ghal persuna li thossha aggravata bil-hrug ta’ mandat kontriha li tezercita d-drittijiet taghha limitatament fl-isfond tal-artikolu 836(1) li allura jaghti ragun lil eccezzjoni maghmula mill-intimata.

Hi l-fehma tal-Qorti illi l-artikolu tal-ligi mhux esklussiv mill-kliem tal-istess ligi ‘minghajr pregudizzju ghal kull jedd iehor’. L-artikolu 32(2) tal-Kap. 12 jaghti kompetenza shiha u bla limitazzjoni lil Qorti Civili li taqta’ l-kawzi kollha ta’ natura civili. Ovvjament dan l-artikolu jrid jinqara fis-sens illi fejn ligi ma tipprovdix kompetenza specifika u limitata li teskludi l-Qorti Civili, il-Qorti Civili ghandha l-poter li tisma kawza cioe li toffri access gudizjarju ghal min jitlob rimedju mhux altrimenti provdut.

F’dan il-kaz il-Qorti tqis illi l-artikolu 836(1) apparti li ma jaghtix esklussivita fil-kompetenza, ma jeskludix id-dritt ta’ parti allegatament milquta hazin b’mandat u ma hemmx rimedju specifiku kif kontemplat fl-artikolu 836(1) li tfittex rimedju mill-Qorti ordinarja ghat-thassir ta’ ordni provvizorja bhal ma hu mandat kawtelatorju.

Kif sewwa spjegat il-Qorti fil-**kawza Emanuel Scerri vs Richard Gauci**, PA 30/10/2002:

> biex jitqies jekk l-ilment ta' parti aggravata bi provvediment tal-Qorti f'proceduri ta' Mandat huwiex misthoqq, tabilfors Ii jrid jinbeda procediment gdid Ii jkun tali Ii jindirizza Iment bhal dak. Din il-procedura hija dik Ii ssir kawza; kawza ssir bil-procediment ordinarju tac-citazzjoni. Dan ir-rimedju huwa miftuh mhux biss ghar-rikorrenti Ii t-talba tieghu ghall-hrug tal-Mandat twarrbet, imma wkoll ghall-intimat Ii kontra tieghu ntlaqghet it-talba ghall-hrug ta' Mandat ulima jistax jirrikorri ghar-rimedju mahsub f'xi wahda mic-cirkostanzi msemmija fl-artikolu 836(1).

F’dan il-kaz ir-rimedju mitlub jmur oltre dak li jipprovdi l-artikolu 836(1) u ghalhekk it-talba kif maghmula hi permissibbli.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Eccezzjoni li t-talbiet huma vagi**

Din l-eccezzjoni ma fihiex mertu ghax it-talba attrici hi cara cioe t-thassir tal-mandat ghax qed jigi allegat li l-elementi legali necessarji ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni

gew applikati b'mod hazin mill-Bord li Jirregola l-Kera. Dak li qed jintalab li tiddeciedi din il-Qorti a bazi ta' dak li jirrizulta mill-atti tal-mandat ta' inibizzjoni mertu tal-kawza odjerna.

**Eccezzjoni li jekk it-talba hi msejsa fuq revoka a bazi tal-artikolu 836 tal-Kap. 12 ir-rikors sar hazin ghax messu sar quddiem il-Qorti li qed tisma l-mertu tal-mandat u fi kwalunkwe kaz hu null ghax ma hemmx indikata r-raguni ghat-thassir tieghu**

Dawn l-eccezzjonijiet huma wkoll bla mertu peress illi kif inghad a rigward tal-ewwel eccezzjoni l-kawza ma saritx a bazi tal-artikolu 836 izda fuq il-principji generali ta' thassir ta' digrieti ai termini tal-poteri tal-Prim Awla. In oltre r-ragunijiet ghat-thassir huma indikati tajjeb fir-rikors promotur u huma kollha bazati fuq applikazzjoni hazina tal-ligi ghall-elementi necessarji ghal hrug ta' mandat kawtelatorju liema ragunijiet ma jirrizultax mill-applikazzjoni tar-ragunijiet li bihom jista' jigi invokat l-artikolu 836.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tichad l-ewwel erba' eccezzjonijiet tal-konvenuti, bl-ispejjez.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur